



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13299/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0352 (NLE)

TRANS 460

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Dispożizzjonijiet Ġenerali - Subsistemi (UTP GEN- B) u l-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva
għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti emendi
għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Dispożizzjonijiet Ġenerali - Subsistemi
(UTP GEN- B) u l-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Applikazzjonijiet telematiċi
għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni aderixxiet mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 ("il-Konvenzjoni COTIF"), permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/103/UE¹.
- (2) Kull Stat Membru, bl-eċċezzjoni ta' Ċipru u Malta, japplikaw il-Konvenzjoni COTIF.
- (3) Skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni COTIF, twaqqaf il-Kumitat tal-Esperti Tekniċi ("CTE") tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija . Skont il-punt (b) tal-Artikolu 20 (1) tal- Konvenzjoni COTIF u l-Artikoli 6 u 8a tal-Appendiċi F (APTU) tagħha, is-CTE huwa kompetenti biex jieħu deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi ("UTPs") jew dwar dispożizzjoni li temenda UTP abbażi tal-Appendiċi F (APTU) u l-Appendiċi G (ATMF) tal-Konvenzjoni COTIF.
- (4) Wara l-11-il sessjoni tiegħu li saret fit-12 u t-13 ta' Ġunju 2018, is-CTE ddeċieda li jadotta, permezz ta' proċedura bil-miktub, emendi għall-punti 2.1, 2.2 u 2.3 tal-UTP GEN-B biex jinkludu intersezzjonijiet fl-istess livell u strutturi tal-inġinerija oħra bħal pontijiet bħala parti mid-definizzjoni tas-subsistemi tal-infrastruttura, kif stabbiliti fl-hemża ma' din id-Deċizzjoni.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1).

- (5) L-għan ta' dawk l-emendi huwa li jallinjaw id-definizzjoni tas-subsistemi fil-UTP GEN-B mad-definizzjoni ta' subsistemi tal-Unjoni stipulata fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ bl-introduzzjoni ta' intersezzjonijiet fl-istess livell u strutturi oħra ta' inġinerija bħal pontijiet bħala parti mid-definizzjoni tas-subsistemi tal-infrastruttura.
- (6) L-emendi proposti huma konformi mal-liġi u l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għall-allinjament tal-leġislazzjoni tal-OTIF mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jkunu appoġġati mill-Unjoni.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fis-CTE, minħabba li l-emendi għall-punti 2.1, 2.2 u 2.3 tal-UTP GEN-B abbażi tal-Appendiċi F (APTU) tal-Konvenzjoni COTIF ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni. Barra minn hekk, huwa xieraq li l-allinjament kollu tal-UTP TAF jiġi appoġġjat mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà fl-Unjoni (TAF TSI),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980 fir-rigward tal-emendi għall-punti 2.1, 2.2 u 2.3 tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Dispożizzjonijiet ġenerali - Subsistemi (UTP GEN-B) u għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF) hija stabbilita fl-allegat għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjonijiet tas-CTE, mal-adozzjoni tagħhom, għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'indikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom. Artikolu 3

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
